MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 759/2013

**Michael Bartolo, Pauline Bartolo u Kenneth Bartolo**

**Vs**

**Western Company Limited**

Permezz ta’ rikors prezentat fis-7 ta’ Awwissu 2013, l-atturi ppremettew u talbu:-

*Illi l-atturi Michael u Pauline konjugi Bartolo kienu xtraw il-vettura tat-tip Mercedes C-180 Classic, numru ta' chassis WDB 2020182F455181, minghand is-socjeta' intimata f'Marzu tas-sena 2005, liema kuntratt kien validu ghal ghaxar (10) snin;*

*Illi permezz ta' kuntratt tat-22 ta' Marzu 2005, fl-atti tan-Nutar Dr. Nicholas Vella, il-konjugi Bartolo, flimkien ma' l-attur Kenneth Bartolo bhala l-garanti, ikkostitwew ruhhom debituri very, certi u likwidi a favur tas-socjeta' intimata, fis-somma ta' disat elef Lira Maltin (Lm9,000), liema somma hija ekwivalenti ghal ghoxrin elf, disa' mija erbgha u sittin Ewro u sitta u tletin centezmu (€20,964.36) (vide Dok. MB1);*

*Illi fil-fatt is-somma ta' disat elef Lira Maltin (Lm9,000) jew ghoxrin elf, disa' mija erbgha u sittin Ewro u sitta u tletin centezmu (€20,964.36), kienet tirraprezenta l-prezz tal-bejgh tal-vettura hawn fuq imsemmija debitament registrata f'Malta u licenzjata ghat-triq;*

*Illi l-atturi obbligaw ruhhom sabiex ihallsu s-somma intiera fi zmien ghaxar (10) snin, b'pagamenti mensili ta' mija u sitta Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm106.85) ekwivalenti ghal mitejn tmienja u erbghin Ewro u disghin centezmu (€248.90);*

*Illi l-obligazzjoni nkombenti fuq is-socjeta' intimata kienet sabiex tirregistra l-vettura ma' l-awtoritajiet kompetenti taht is-sistema ta' licenzjar vigenti dak iz-zmien (a kuntrarju tas-sistema l-gdida mhaddma mill-1 ta' Jannar 2009 'il quddiem), u s-segwenti hrug tal-pjanci ta' registrazzjoni tal-vettura, dejjem taht dik is-sistema. Dan huwa kkonfermat fl-ittra tan-Nutar li ppubblika l-att, Dr. Nicholas Vella, datata t-28 ta' April 2009 (Dok. MB2 hawn anness);*

*Illi pero' s-socjeta' intimata naqset milli tonora l-obbligu taghha u dan minkejja diversi interpellazzjonijiet sabiex taghmel l-istess;*

*Illi bhala konsegwenza, il-vettura ma setghatx tintuza ghal dawn l-ahhar tmien (8) snin mill-atturi, li kellhom jidhlu f'spejjez ta' ggaraxxjar tal-vettura tul dan iz-zmien kollu;*

*Illi madankollu, l-inadempjenza kuntrattwali min-naha tas-socjeta' intimata rrenda l-ezekuzzjoni tal-ftehim impossibbli u dan peress li l-partijiet kienu ftehmu illi Carmelo Bianco, ghan-nom tas-socjeta' intimata, kellu jirregistra l-vettura f'Malta b'dan illi l-vettura kienet*

*taqa' fl-iskema ta' registrazzjoni antika, b'licenzja annwa baxxa, kif jirrizulta f'Dok. MB3 hawn anness;*

*Illi llum il-gurnata huwa impossibbli ghas-socjeta' intimata tirregistra l-vettura b'dik l-iskema kif miftiehem, b'registrazzjoni fl-ammont ta' elf, mitejn u erbghin Ewro (€1,240), ara Dok. MB4. Fil-fatt prezentement, is-sistema tal-licenzji ghal din il-vettura tikkomprendi licenzja ferm oghla, b'avarija ta' tmien mija u disghin Ewro (€890) per annum (ara Dok. MB5). Dan ghalhekk ifisser illi s-socjeta' intimata hija llum f'impossibilita' li twettaq dak pattwit bejn il-partijiet;*

*Illi bl-agir taghha, is-socjeta' intimata kkawzat danni u spejjez lill-atturi;*

*Illi ghalhekk, jezistu l-elementi kollha sabiex il-ftehim (f'Dok. MB1) fl-atti tan-Nutar Dr. Nicholas Vella, datat it-22 ta' Marzu 2005, jinhall minhabba l-inadempjenza tas-socjeta' intimata fuq l-oggetti principali tal-kuntratt, sia ghaliex naqset milli tipprokura r-registrazzjoni tal-vettura ma l-awtoritajiet kompetenti, u l-pjanci ta' l-istess, u sia ghaliex irrendiet l-ezekuzzjoni tal-kuntratt impossibbli bl-agir taghha.*

Għaldaqstant, l-atturi jitolbu għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. Tiddikjara illi s-socjeta' intimata naqset milli tottempera ruhha ma' l-obbligu taghha sabiex tirregistra l-vettura u sabiex tottjeni l-pjanci rekwiziti, tant illi rrendiet il-vettura inutilizzabbli u l-ezekuzzjoni tal-ftehim impossibbli.*

*2. Tiddikjara illi bhala konsegwenza, l-ftehim f'Dok. MB1, fl-atti tan-Nutar Dr. Nicholas Vella in data t-22 ta' Marzu 2005 jigi mahlul.*

*3. Tikkundanna s-socjeta' intimata thallas lill-atturi s-somma gja' mhallsa mill-atturi akkont tal-prezz tal-vettura.*

*4. Tiddikjara illi s-socjeta' intimata hija responsabbli ghad-danni mgarrbin minhabba n-nuqqasijiet min-naha tas-socjeta' intimata.*

*5. Tillikwida l-ammont ta' danni mgarrba mill-atturi bi htija tas-socjeta' intimata okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;*
*6. Tikkudanna lis-socjeta' intimata thallas lill-atturi s-somma hekk likwidata bhala danni.*

*Bl-ispejjez u bl-imghax kontra s-socjeta' intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni.*

Permezz ta’ twegiba guramentata prezentata fil-25 ta’ Settembru 2013, is-socjeta’ konvenuta wiegbet:-

*1. Illi kif ghandu jirrizulta waqt il-kawza l-prezz ta’ disat elef Lira Maltin [Lm9,000] ekwivalenti ghal ghoxrin elf, disa’ mija erbgha u sittin Ewro u sitta u tletin centezmu (€20,964.36) imsemmi fl-ahhar paragrafu tal-ewwel pagna tar-rikors guramentat jirraprezenta biss il-bejgh tal-vettura in kwistjoni minghajr ir-registrazzjoni u l-licenzja tat-triq (vide Dok MB 1 u cioe’ l-kuntratt tat-22 ta’ Marzu 2005, para 6 pagna 1 tal-kuntratt);*

*2. Illi m’huwiex assolutament minnu dak allegat mill-atturi illi s-socjeta’ esponenti kienet responsabbli mir-registrazzjoni tal-vettura in kwistjoni. Carmelo Bianco ghas-socjeta’ esponenti offra minn jeddu lix-xerrejja u cioe’ lill-atturi, sabiex jurihom kif jirregistraw il-vettura u fl-ebda mument kemm huwa personali kif ukoll ghan-nom tas-socjeta’ esponenti, ma ha xi responsabilita’ jew ghamel xi obbligazzjoni ghal dan;*

*3. Illi ghalhekk m’huwiex assolutament minnu li s-socjeta’ esponenti naqset milli tonora xi obbligu minnha assunt. In fatti mill-kuntratt ta’ bejgh tal-vettura Dok MB1 ma tissemma’ ebda obbligazzjoni dwar ir-registrazzjoni u l-licenzja tat-triq. Il-kuntratt isemmi biss il-bejgh tal-vettura in kwistjoni u xejn aktar;*

*4. Illi kif qed jistqarru l-atturi, huma ma uzawx il-vettura in kwistjoni ghal dawn l-ahhar tmien snin, f’liema perjodu huma qatt ma hadu ebda inizjattiva sabiex jipprovaw ixolju l-ftehim li ghamlu mas-socjeta’ esponenti u jiddepozitaw l-istess vettura fil-Qorti. Allura ghal din in-negligenza grossolana u nuqqas ta’ interess da parti tal-atturi zgur illi s-socjeta’ esponenti ma tistax tinzamm responsabbli;*

*5. Illi ta’ min isemmi illi fid-9 ta’ Mejju 2007 is-socjeta’ esponenti baghtet ittra ufficcjali lill-atturi li permezz taghha hija interpellathom sabiex huma jhallsuha l-ammont ta’ Lm1,500 (ekwivalenti ghal €3,494,06) bhala arretrati ta’ pagamenti li baqghu ma thallsux fuq il-vettura in kwistjoni (vide Dok WCL 1), liema ittra ufficcjali giet innotifikata lill-atturi fis-16 ta’ Mejju 2007. Lanqas f’din l-okkazzjoni l-atturi ma lmentaw xejn mas-socjeta’ esponenti;*

*6. Illi meta s-socjeta’ esponenti segwit l-ittra ufficjali Dok WC 1 permezz ta’ Mandat ta’ Qbid fuq il-vettura, l-atturi rrifjutaw li jhallu lill-Marixxal inkarigat mill-Mandat illi jesegwixxi l-isetss Mandat (vide Dok WC 2);*

*7. Illi wkoll f’Gunju 2009 is-socjeta’ esponenti baghtet ittra ohra ufficcjali fejn interpellat lill-*

*atturi jhallsuha l-bilanc kollu dovut. Anke f'din l-okkazzjoni l-atturi naqsu milli jilmentaw mas-socjeta' esponenti;*

*8. Illi ghar-ragunijiet fuq esposti s-socjeta' esponenti tinnega bil-qawwa kollha illi hija ghamlet xi danni lill-atturi;*

*9. Illi huwa wkoll relevant li jissemma illi l-atturi hallsu biss lis-socjeta' esponenti erbatax-il pagament ghal total ta' elf u hames mitt Lira Maltija (ekwivalenti ghal €3,494.06) u taw ukoll lis-socjeta' esponenti ghadd ta' pagamenti permezz ta' cekkijiet li l-Bank of Valletta, li f'ismu c-cekkijiet kienu ggirati, irrifjuta li jonora u jsarraf.*

Il-qorti semghet il-provi u trattazzjoni u rat l-atti.

Il-kawza titratta dwar vettura Mercedes li fis-sena 2005 inxtrat minghand il-kumpannija konvenuta. L-atturi jsostnu li l-kumpannija konvenuta kienet obbligat ruhha li tirregistra l-vettura f'Malta[1], u baqghet inadempjenti. Ghalhekk qeghdin jitolbu li jinhall il-kuntratt iffirmat fit-22 ta' Marzu 2005, li biha l-atturi obbligaw ruhhom li jhallsu l-prezz ta' Lm9,000 fi zmien ghaxar snin b'effett minn dik id-data, u dan permezz ta' pagamenti ta' Lm106.85 fix-xahar. Fil-kuntratt jinghad:-

*"Il-partijiet jiddikjaraw illi l-kreditur biegh u ttrasferixxa lid-debituri principali il-vettura tat-tip Mercedes C-180 Classic, numru ta' chassis WDB 2020182F455181, versu l-prezz ta' disat elef lira Maltin (Lm9,000).*

*Ghaldqastant bis-sahha ta' dan l-att, id-debituri principali u l-garanti solidali qed jikkostitwixxu ruhhom debituri very, certi u likwidi a favur tal-kreditur accettanti, u dan fis-somma ta' disat elef lira maltin (Lm9,000), li jirraprezenta l-prezz tal-bejgh tal-vettura fuq imsemmija"* (fol. 6).

Il-konvenuta ma taqbilx u ssostni li l-obbligu tar-registrazzjoni tal-vettura kien tal-atturi.

Ghal dak li jirrigwarda l-provi principali:-

[1] Il-vettura kienet inxtrat mill-kumpannija konvenuta gewwa l-Ingilterra u mportata f'Malta.

i. In-nutar Dr Nicholas Vella xehed li dakinhar li sar il-kuntratt, *"... waqt li l-partijiet kienu quddiemi Mr Bianco kien qal lix-xerrejja li ser jehodilhom hsieb biex il-pjanti ta' Malta johorgu. Cioe' l-pjanci ta' registrazzjoni"* (fol. 44). Rega' rrepeta li: *".... kien Bianco li semplicement ikkummenta li ghall-plates ser jiehu hsieb hu"* (fol. 44). F'ittra li kien baghat lid-difensur tal-atturi, datata 28 ta' April 2009 (fol. 8), qal: *"Nikkonferma li dakinhar tal-kuntratt il-partijiet kienu qablu bejniethom u s-sur Bianco kien qal li ha jiehu hsieb tar-registrazzjoni tal-vettura mal-awtorita' lokali kompetenti u ghall-hrug tal-pjanci ta' registrazzjoni tal-vettura. Nikkonfrma wkoll li l-partijiet qablu dak il-hin li ma tiddahhalx klawzola f'dan is-sens fil-kuntratt peress li s-sur Bianco kien assigura verbalment lis-Sinjuri Bartolo li ser johorgilhom il-pjanci fi zmien qasir"*.

ii. Il-bejgh sar permezz ta' skrittura privata datata 18 ta' Marzu 2005 (fol. 116). Fiha jinghad li *"Registrazzjoni tal-vettura ghar-responsabbilta tax-xerrej"* (klawzola 1, fol. 116). L-atturi jsostnu li dik il-klawzola giet mizjuda wara li kienu ffirmaw il-kuntratt.

iii. Fis-7 ta' Dicembru 2006 l-Awtorita dwar it-Trasport f'Malta harget ricevuta ta' Lm30 sabiex issir spezzjoni fuq il-vettura oggett tal-bejgh li kkonkludew il-kontendenti (fol. 136). Ricevuta li tkopri zewg vetturi, wahda minnhom dik in kwistjoni[2]. Ir-ricevuta harget f'isem il-kumpannija konvenuta.

iv. Fil-11 ta' Jannar 2007 saret spezzjoni tal-vettura in kwistjoni. Fid-dokument jissemma Carmel Bianco, direttur tal-kumpannija konvenuta. Noel Buhagiar, impjegat tal-Awtorita li jaghmel stimi ta' vetturi, ikkonferma li l-kalligrafija fuq id-dokument Vehicle Inspection Form kienet tieghu. Zied li *"**Nista' nikkonferma ghalhekk illi meta jiena nara d-dokument, cioe' l-logbook**, u fuqu jkun hemm Western Company Limited, irrispettivament ta' min jigi bil-vehicle inspection form, jiena dejjem nikteb bhala l-isem tal-persuna, jew Carmel Bianco jew Western Company Limited. Innizzel Carmel Bianco ghax jiena naf illi l-Western Company Limited hi assocjata mas-sur Carmel Bianco"* (fol. 147). Qal ukoll li l-isem Carmel Bianco kien inkiteb minnu.

v. Il-konvenuta pprezentat dikjarazzjoni datata 29 ta' Marzu 2005 u ffirmata minn S. Vassallo li taqra: *"I declare that I have collected the Logbook UK certificate from Mr C. Bianco/Western Co Ltd (Car no VN: UDB2020182F455181 as agreed on the Notarial Deed d.d. 22/3/2005. Car is to be registered by Bartolo family"* (fol. 87). Fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2014 Sarah Bartolo Vassallo kkonfermat li l-firma hi taghha.

Il-qorti tosserva:

i. L-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi. L-atturi jridu li jinhall il-kuntratt tat-22 ta' Marzu 2005, li hu ftehim ta' kostituzzjoni ta' debitu. Pero' wara dak il-kuntratt hemm il-kuntratt ta' bejgh li l-partijiet iffirmaw granet qabel. Il-ftehim ma jistax jinhall minghajr ma jinhall il-kuntratt ta' bejgh. Fir-rikors

[2] Ara deposizzjoni ta' Brian Farrugia ufficjal tal-ADT (seduta tat-13 ta' April 2015).

guramentat m'hemmx talba sabiex jinhall il-kuntratt ta' bejgh. Il-qorti trid tiddeciedi a bazi tat-talbiet li jkunu saru fir-rikors guramentat.

ii. F'kull kaz kien biss fis-7 ta' Awissu 2013 li l-atturi ppropronew kawza sabiex jinhall il-kuntratt tat-22 ta' Marzu 2005. Il-vettura baqghet fil-pussess taghhom ghal dawn is-snin kollha. Ghalkemm jidher li ma kienux qeghdin jaghmlu uzu minnha, fizikament dejjem baqghet fil-pussess tal-attur. Jekk kellu jinhall il-kuntratt l-atturi ma jistghux jippretendu li jibqghu fil-pussess tal-vettura. Hu fatt li wara dawn is-snin kollha jekk il-vettura ghandha valur, dan hu negligibbli. Wara dawn is-snin kollha zgur li m'huwiex possibbli li l-partijiet jitqieghdu fil-posizzjoni li kienu qabel sehh in-negozju. Irrizulta li l-atturi telqu vettura f'garaxx u eventwalment jidher li tpoggiet f'ghalqa.

iii. Il-vettura nbieghet ghall-prezz ta' Lm9,000. Fatt dikjarat fl-iskrittura ta' bejgh (fol. 116) u fil-kuntratt tat-22 ta' Marzu 2005 (fol. 6). F'dawn il-kuntratt ma jinghadx li l-ispejjez relatati mar-registrazzjoni tal-vettura f'Malta ser taghmel tajjeb ghalihom il-kumpannija konvenuta jew li l-prezz jinkludi l-ispejjez sabiex il-vettura tigi registrata f'Malta. L-ispejjez relatati mal-bejgh huma a karigu tax-xerrej.

iv. Id-dikjarazzjoni CB1 a fol. 87 hi prova li l-logbook inghata lil Sarah Bartolo Vassallo li hi mart l-attur Kenneth Bartolo. Fiha jinghad espressament li gabret il-log book tal-vettura minghand Western Company Limited. Ghalkemm l-atturi jsostnu li din ix-xhud gidbet u ghandha nteress li taghmel hsara lil zewgha Kenneth Bartolo peress li issa ghaddejjin minn process ta' separazzjoni, il-qorti kellha l-opportunita' li tisma' lix-xhud. M'hemmx dubju li fuq il-pedana deheret skomda. Irrizulta pero' li qabel is-seduta x-xhud kienet diga' taf li ser tigi mistoqsija jekk il-firma hijiex taghha u l-atturi kienu qalulha li x'aktarx li l-firma taghha giet falsifikata. Ghalkemm ix-xhud u zewgha ghandhom proceduri ta' separazzjoni b'daqshekk ma jfissirx li d-deposizzjoni taghha ghandha awtomatikament tigi skartata. Inoltre kienu l-atturi stess li fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2014 ressqu lil Sarah Bartolo Vassallo bhala xhud taghhom. Dakinhar ukoll qalet li *"Jien ghaddejja minn separazzjoni minn ma' zewghi Kenneth… Ili ghal dawn l-ahhar sentejn ghaddejja minn separazzjoni ma' zewgi Kenneth. Ahna ma nghixux flimkien"* (fol. 74)[3]. M'ghandux ikun li issa li l-atturi m'ghogobhomx dak li qalet ix-xhud fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2014 jipprovaw jinqdew bil-proceduri ta' separazzjoni sabiex jikkonvincu lill-qorti li x-xhud ma qalitx il-verita meta gharrfet il-firma taghha fid-dokument a fol. 87. Wara li l-qorti semghet lix-xhud tixhed *viva voce* m'ghandha l-ebda dubju li meta gharrfet il-firma taghha qalet il-verita'. Fl-ebda hin ma wriet xi ezitazzjoni jew atteggjament li jista' jwassal lill-qorti biex tikkonkludi li m'hijiex xhud kredibbli. F'nota prezentata fis-26 ta' Settembru 2013, l-atturi ddikjaraw li *"[….] qatt ma nghataw logbook jew kopja tieghu*

[3] Fatt konferma minn zewgha meta xehed fil-15 ta' Ottubru 2014 (fol. 80).

*minkejja li huma dan talbuh ripetutament u gew imwieghdin li dan kellu jkun ghandhom fi zmien gimgha"* (fol. 35). Il-provi juru mod iehor.

v. Gialadarba l-vettura kienet fil-pussess tal-atturi, probabilment kienu huma stess li tellghu l-vettura sabiex saret spezzjoni minn Noel Buhagiar, ufficjal tal-Awtorita. Hu evidenti li Buhagiar inghata l-logbook tal-vettura. Cirkostanza li ghall-qorti tikkorrabora l-verzjoni ta' Bianco li l-logbook kienet gabritu mart l-attur.

vi. Ghalkemm hu minnu li x-xhud ma kenitx wahda mill-kompraturi tal-vettura u ma gietx prezentata prokura miktuba li turi li kienet awtorizzata tigbor id-dokument minghand il-konvenuta, jibqa' 'l fatt li:-

a. F'dak iz-zmien kienet diga' mizzewwga lill-attur Kenneth Bartolo;
b. M'huwiex verosimili li x-xhud kienet ser taqbad u tmur tigbor dokument minn jeddha, dwar negozju li ma kenitx parti ghalih. Il-qorti ma tara l-ebda motiv ghalfejn din ix-xhud minn jeddha kellha tiehu xi inizjattiva simili minn wara dahar l-atturi;
c. Mill-provi rrizulta li x-xhud kienet fdata mill-atturi;

Id-difensur tal-atturi sostna li m'huwiex kredibbli li l-atturi baghatu lix-xhud biex tigbor il-log book. Il-qorti ma tarax ghalfejn le. Il-konkluzjoni tal-qorti hi li x-xhud marret tigbor il-log book ghaliex l-atturi hekk qalulha taghmel. Ma tressqitx xi prova li kien qieghed jipprekludi lill-atturi milli jirregistraw il-vettura f'Malta. L-atturi stess f'nota li pprezentaw fit-2 ta' Settembru 2013 iddikjaraw: *"Sa fejn jafu l-atturi ma kienx hemm problemi ghar-registrazzjoni tal-vettura….."* (fol. 34).

vii. Ix-xhud Kenneth Bartolo xehed ukoll li *"In-number plates tal-vettura qeghdin ghand is-sur Bianco. Dawn huma number plates tal-Ingilterra"* (fol. 81). Il-qorti ma tifhimx kif dan hu possibbli meta fl-affidavit tieghu stess qal li meta f'okkazzjoni kien qieghed isuq il-vettura f'Bugibba, kien twaqqaf minn pulizija *"[…..] u ried jiehu l-karozza ghaliex infurmana li ma setatx tkun fuq it-triq* ***minhabba l-pjanci Inglizi"*** (fol. 47). Dan apparti li mill-provi rrizulta li Kenneth Bartolo stess xehed li kien hemm okkazzjoni meta xtara vettura minn barra minn Malta. Fatt li jaghti lill-qorti x'tifhem li kien jaf tajjeb x'inhi l-proceduri sabiex tigi registrata vettura f'Malta u tinghata numru ta' registrazzjoni.

viii. Il-qorti temmen li Bianco kien qieghed jassisti lill-atturi sabiex il-vettura tigi registrata f'Malta. Pero' ma tistax tikkonkludi li l-konvenuta obbligat ruhha li tirregistra l-vettura ghas-spejjez taghha. Dan minkejja l-verzjoni tan-nutar Vella, li m'hijiex konfermata b'xi klawzola fl-iskrittura ta' bejgh jew kuntratt li ppubblika hu stess. Gialadarba ngabar il-logbook, thallset il-mizata sabiex issir l-ispezzjoni tal-vettura u fil-fatt saret, il-qorti ma tifhimx

x'seta' kienet id-diffikulta' sabiex l-atturi jikkonkludu l-process ta' registrazzjoni tal-vettura. M'hemmx prova li kien hemm xi diffikulta' min-naha tal-Awtorita sabiex tirregistra l-vettura. Ir-realta' tibqa' li l-atturi baqghu passivi ghal dawk is-snin kollha[4]. Dan minkejja li per ezempju fit-12 ta' Mejju 2007 gew notifikati b'ittra ufficjali li pprezentat il-konvenuta ghall-hlas ta' €1,500[5].

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjez kontra taghhom**.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] Ghalkemm Kenneth Bartolo xehed li kienu ntbaghatu ittri legali (fol. 81), kopja baqghet ma gietx prezentata.

[5] Prezentata fid-9 ta' Mejju 2007 *ai termini* tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12. M'hemmx prova li l-atturi kkontestaw dan l-att gudizzjarju skond il-procedura kontemplata fil-ligi. Dan ifisser li l-konvenuta ghandha titolu ezekuttiv fuq l-ammont oggett ta' dik l-ittra ufficjali.